MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 502/2007

**Colours of Malta Travel & Incentives Limited**

**vs**

**People and Partners S.r.l.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mis-socjeta' rikorrenti datat 7 ta’ Mejju 2007 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta’ attrici taghmel xoghol ta’ organizzazzjoni ta’ konferenzi u laqghat internazzjonali gewwa Malta ghal terzi;

Illi s-socjeta’ konvenuta estera inkarigat lis-socjeta’ attrici sabiex torganizza konferenza gewwa Malta ghal klijent

taghha l-Grupp Deutsche Bank u din saret bejn l-erbgha u ghoxrin (24) u sitta u ghoxrin (26) ta’ Frar 2006.

Illi l-ammont komplessiv ta’ dawn is-servizzi li jinkludu akkomodazzjoni, *transfers*, ikliet, u funzjonijiet varji jammonta ghall-Lm107,952.73c ekwivalenti ghal Euro 251,454.29c hekk kif muri mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. “DC1”.

Illi minn din is-somma s-socjeta’ konvenuta estera gja hallset is-somma ta’ Lm86,402.29c fejn l-ahhar pagament ta’ Lm8,450 ekwivalenti ghal Euro 20,000 thallsu f’Settembru 2006 u ghalhekk ghad baqa’ bilanc ta’ Lm21,550 ekwivalenti ghal Euros 50,196.42c. hekk kif juri d-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. “DC2”.

Illi *nonostante* s-socjeta’ konvenuta estera giet diversi drabi interpellata sabiex thallas il-bilanc indikat hija baqghet inadempjenti u dan bi ksur ta’ klawsola numru 4 a rigward it-termini tal-pagamenti ta’ kuntratt bejn il-partijiet datata 28 ta’ Dicembru 2005, li huwa anness u mmarkat bhala Dok. “DC3”.

Illi s-socjeta’ konvenuta estera m’ghandha l-ebda eccezzjoni x’taghti in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u b’hekk jezistu c-cirkostanzi ikkontemplati fl-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh ghal dak li jirrigwarda t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-hlas *ai termini* ta’ l-artikolu 167 hawn fuq citat.

Illi ghalhekk is-socjeta’ attrici tablet li din il-Qorti:-

(1) Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* ta’ l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(2) Tordna lis-socjeta’ konvenuta estera thallas lis-socjeta’ attrici s-somma bilancjali ta’ Lm21,550 ekwivalenti ghal Euro 50,196.42c.

Bl-imghaxijiet kummercjali skond il-ligi mid-data ta’ meta dawn l-ammonti gew dovuti sad-data ta’ l-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra rappresentanti, diretturi, u impjegati tas-socjeta’ konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit ta’ Davide Cachia *nomine* u l-lista ta’ dokumenti esebiti u l-lista ta’ xhieda (fol. 2 sa fol. 33).

Rat li r-rikors gie appuntat ghat-12 ta’ Gunju 2007 b’digriet datat 9 ta’ Mejju 2007.

Rat ir-rikors tas-7 ta’ Mejju 2007 fejn intalab li ssir in-notifika tas-socjeta` intimata *tramite* r-Registratur tal-Qorti u d-digriet tal-Qorti tad-9 ta’ Mejju 2007 fejn laqghet it-talba.

Rat in-nota tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali datata 14 ta’ Mejju 2007.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Gunju 2007 fejn Dr. Adrian Camilleri pprezenta kopja awtentikata tan-notifika li saret lis-socjeta’ estera, u dan permezz ta’ nota a fol. 58 tal-process.

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici tas-6 ta’ Settembru 2007 u d-digriet tal-Qorti tal-14 ta’ Settembru 2007 fejn laqghet it-talba u nnominat bhala kuraturi deputi l-persuni li jmisshom it-turn.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati tal-20 ta’ Settembru 2007 fejn informa lill-Qorti li l-Avukati li jmisshom it-turn bhala Kuraturi Deputati huma Dr Renzo Porsella Flores u l-PL Veronica Rossignaud.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qorti datata 4 ta’ Ottubru 2007 fejn esebixxa bhala Dok. “A” l-atti relattivi li gew notifikati lis-socjeta’ estera (fol. 68 sa fol. 74 tal-process).

Rat il-verbali tas-seduti tat-12 ta’ Gunju 2007, tat-28 ta’ Gunju 2007, tad-9 t’Ottubru 2007 u tas-6 ta’ Novembru 2007 fejn il-kawza giet differita ghall-probabbli cessjoni ghall-14 ta’ Dicembru 2007.

Rat id-digriet datat 6 ta’ Novembru 2007 fejn fuq talba ta’ Dr. Adrian Camilleri ghan-nom tas-socjeta’ attrici l-Qorti rrevokat *“contrario imperio”* id-digriet taghha tal-14 ta’ Settembru 2007 ghan-nomina ta’ kuraturi deputati u dan peress li jirrizulta min-nota tar-Registratur tal-Qorti li s-socjeta’ konvenuta giet effettivament notifikata fl-indirizz taghha esteru.

Rat li konsegwentement ghall-istess din il-Qorti qed tordna li l-kuraturi deputati jigu estromessi mill-atti ta’ din il-kawza.

Rat ir-rikors konguntiv tas-socjeta` attrici u tas-socjeta` konvenuta tas-7 ta’ Novembru 2007 fejn talbu li l-kawza tigi rikjamata ghal data aktar vicin u li l-Qorti taghti decizjoni fejn fiha tinkorpora l-ftehim milhuq bejn il-partijiet skond in-nota konguntiva taghhom tas-7 ta’ Novembru 2007 ffirmata minn Dr. Adrian Camilleri ghas-socjeta’ attrici u Dr. Geoffrey Mifsud Farrugia ghas-socjeta’ konvenuta, u annessa mal-istess rikors, u d-digriet tal-Qorti tat-13 ta’ Novembru 2007 fejn laqghet it-talba u rrikjamat il-kawza ghall-20 ta’ Novembru 2007 ghall-istess skop.

Rat il-ftehim ta’ transazzjoni bejn il-partijiet kif inkorporat fin-nota konguntiva tas-7 ta’ Novembru 2007.

Rat li s-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz tar-rikjam tal-kawza fl-14 ta’ Novembru 2007.

Rat id-dokumenti kollhaipprezentati.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn is-socjeta’ attrici qed titlob li s-socjeta’ konvenuta tithallas l-ammont indikat fir-rikors guramentat fuq indikat ghar-ragunijiet hemm indikati, u jidher li fil-mori sar pagament akkont u l-partijiet qabblu

fuq l-ammont kif ridott, u l-modalita’ ta’ pagament, u li dan il-ftehim jigi redatt f’sentenza bejn il-partijiet.

Illi infatti fin-nota konguntiva tal-partijiet datata 7 ta’ Novembru 2007 jinghad li l-partijiet qabblu li jittransigu l-kawza, u li l-Qorti kellha taghti sentenza fis-sens hemm indikat fl-istess nota fejn il-partijiet permezz tad-difensuri taghhom ippremettewi:-

Illi s-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti tordna lis-socjeta' konvenuta estera thallas lis-socjeta' attrici somma bilancjali ta' Lm21,550 ekwivalenti ghal Euros 50,332.68.

Illi l-partijiet qed jaqblu illi llum il-gurnata s-socjeta' konvenuta hija debitrici fil-konfront tas-socjeta' attrici ghall-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf, tlett mija u tlieta u ghoxrin liri Maltin u sittin centezmu (Lm22,323.60) ekwivalenti ghal tnejn u hamsin elf Ewro (Ewro 52,000) liema ammont jinkludi l-imghax legali u l-ispejjez tal-kawza.

Illi l-partijiet qed jaqblu illi s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas l-ammont ridott ta' tmintax-il elf u tletin lira Maltin u sittin centezmu (Lm18,030.60) ekwivalenti ghal tnejn u erbghin elf Ewro (Ewro42,000) u dan *stante* illi l-ammont ta' erbat elef, mitejn u tlieta u disghin lira Maltin (Lm4,293) ekwivalenti ghal ghaxart elef Ewro (Ewro10,000) gja' thallsu lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta fil-mori tad-differiment.

Illi l-ammont ta' tmintax-il elf u tletin lira Maltin u sittin centezmu (Lm18,030.60) ekwivalenti ghal tnejn u erbghin elf Ewro (Ewro42,000) ghandu jithallas mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici f’sitt (6) pagamenti ta' tlett elef u hames liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm3,005.10c) ekwivalenti ghal sebat elef Ewro (Ewro7,000) kull pagament liema pagament ghandu jithallas kull l-ahhar tax-xahar ghas-sitt xhur li gejjin u cioe' mill-ahhar tax-xahar ta' Novembru 2007 sa l-ahhar tax-xahar t'April 2008.

Illi l-partijiet jaqblu illi jekk is-socjeta' konvenuta tkun moruza fi hlas ta' pagament wiehed l-ammont li jkun ghad-fadal ikun dovut kollu f'daqqa flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri skond il-ligi.

Illi l-partijiet jaqblu illi l-kawza ghandha tibqa' minghajr taxxa.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser taghti adittu ghall-istess transazzjoni bejn il-partijiet u konformament qed tinkorpora l-istess fis-sentenza odjerna.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' tiddeciedi,** billi *in vista* ta' dan il-ftehim bejn il-partijiet kif indikat fin-nota konguntiva taghhom datata 7 ta' Novembru 2007, **tilqa' t-talba attrici kif ridotta** fl-ammont ta' tmintax-il elf u tletin lira Maltin u sittin centezmu (Lm18,030.60) ekwivalenti ghal tnejn u erbghin elf Ewro (Ewro42,000) u hekk ammessa mis-socjeta' konvenuta kif premess u kif indikat fl-istess ftehim bejn il-partijiet, li qabblu wkoll li jigi inkorporat f'din is-sentenza b'dan illi:-

(2) Tikkundanna li s-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' konvenuta l-ammont ta' tmintax-il elf u tletin lira Maltin u sittin centezmu (Lm18,030.60c) ekwivalenti ghal tnejn u erbghin elf Ewro (Ewro42,000), b'dan li tali ammont ta' tmintax-il elf u tletin lira Maltin u sittin centezmu (Lm18,030.60c) ekwivalenti ghal tnejn u erbghin elf Ewro (Ewro 42,000) jithallas mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici f'sitt (6) pagamenti ta' tlett elef u hames liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm3,005.10c) ekwivalenti ghal sebat elef Ewro (Ewro7,000) kull pagament liema pagament ghandu jithallas kull l-ahhar tax-xahar ghas-sitt xhur li gejjin u cioe' mill-ahhar tax-xahar ta' Novembru 2007 sa l-ahhar tax-xahar t'April 2008, b'dan ukoll li l-partijiet ftehmu, li jekk is-socjeta' konvenuta tkun moruza fi hlas ta' pagament wiehed, l-ammont li jkun ghad-fadal ikun dovut kollu f'daqqa flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri skond il-ligi.

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------